

9. Id-disa' motiv, ibbażat fuq id-determinazzjoni insuffiċjenti tal-ghajjnuna mill-Istat
- Fid-disa' lok, ir-rikorrenti tibbaża r-rikors tagħha fuq il-fatt li l-konvenuta ma ddeterminax suffiċjentement l-estent tal-ghajjnuna mill-Istat
10. L-għaxar motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni skont l-Artikolu 296(2) TFUE
- Fl-għaxar lok, il-konvenuta kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha u dan b'mod gravi u repetut.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Frar 2018 – Pink Lady America vs CPVO – WAAA (Cripps Pink)

(Kawża T-112/18)

(2018/C 152/51)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Pink Lady America LLC (Yakima, Washington, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: R. Manno u S. Travaglio, avukati)

Konvenut: L-Uffiċju Komunitarju dwar il-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Western Australian Agriculture Authority (WAAA) (South Perth, l-Awstralja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem is-CPVO

Proprjetarju tal-varjetà tal-pjanti Komunitarjai kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Varjetà tal-pjanti Komunitarja kontenzjuża kkonċernata: Dritt ta' varjetà tal-pjanti Komunitarja Nru EU1640, varjetà tat-tuffieħ Cripps Pink

Proċedimenti quddiem l-CPVO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-CPVO tal-14 ta' Settembru 2017 fil-Każ A 007/2016

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tannulla l-varjetà tas-siġra tat-tuffieħ Cripps Pink CPVR Nru 1640 għal nuqqas ta' novità skont l-Artikolu 10 flimkien mal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2100/94;
- tikkundanna lill-CPVO u lil Western Australian Agriculture Authority għall-ispejjeż.

Motiv(i) invokat(i)

- Ksur tad-dispożizzjonijiet flimkien tal-Artikoli 10 u 20 tar-Regolament Nru 2100/94;
 - Ksur tal-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 2100/94 u l-prinċipji ġenerali tal-liġi dwar iċ-ċertezza legali u l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja flimkien mal-Artikolu 50(3) tar-Regolament Nru 874/2009.
-